MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2270/1997/1

**Evelyn Grech**

**Vs**

**Sister Grace Debattista ghan-nom ta' St. Monica School.**
**Joseph Aquilina Ekonomu tal-Monsinjur Arcisqof Ammininistratur tal-Entijiet Religjuzi Djocesjani kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess is-Segretarjat ghall-Edukazzjoni u l-Kultura u b'nota tal-15 ta' Jannar, 2001 Vincent Gilberti bhala Agent Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof assumi l-atti tal-kawza flok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawza u ghal kull interess Patri Dominic Scerri OP Delegat tal-Arcisqof fl-istess Segretarjat.**

**Il-Qorti.**

## Preliminari

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fis-sena 1983 l-attrici giet impjegata bhala ghalliema fl-iskola tal-knisja De La Salle fejn hija baqghet sas-sena 1993;

Premess illi fis-sena 1993 l-attrici talbet ufficjali tal-Kurja jekk setghetx tigi ttrasferita mill-iskola De La Salle ghal skola ohra tal-knisja Santa Monica;

Premess illi l-ufficjali tal-Kurja kienu nfurmawha li ma kienx hemm problemi sabiex jsir dan it-trasferiment u fil-fatt hija giet trasferita lil din l-iskola u kompliet tithallas bl-istess ‘seniority’ li kellha precedentement fl-iskola ta’ De La Salle;

Premess illi f’Mejju ta’ 1995 sar ftehim bejn l-MUT u l-awtorita’ tal-knisja dwar ir-reorganizzazzjoni tal-gradi tal-ghalliema fl-iskejjel tal-knisja;

Premess illi filwaqt illi skond dan il-ftehim l-attrici kellha tilhaq il-grad tminja (8) b’rizultat ta’ tlettax (13) il-sena servizz;

Premess illi skond dan il-ftehim l-ghalliema tal-knisja kellhom jinghataw salarju ekwivalenti ghal dak ta’ l-ghalliema tal-Gvern fi skala ekwivalenti u dan bl-arretrati;

Premess illi filwaqt illi l-iskola De La Salle hallset l-arretrati lill-attrici filwaqt illi l-iskola Santa Monica hija ma thallsietx l-ebda arretrati;

Premess illi in oltre mis-sena 1995 il-quddiem l-attrici kellha l-paga taghha iffrizata filwaqt illi ghalliema li kien ilhom fis-servizz ghaz-zmien ekwivalenti kellhom awmenti kull sena u dan ghaliex il-Kurja ikkunsidrat illi la darba l-attrici fil-1993 bidlet skola hija kellha tigi kkunsidrata bhala fi grad ta’ ghalliema li kienet ilha tghallem biss mis-sena 1993 u mhux mis-sena 1983;

Premess illi dan l-ifrizzar qed jibqa' fis-sehh sakemm is-salarju tal-attrici jigi ekwivalenti ghas-salarju ta' ghalliema ta' erba' (4) snin servizz;

Premess illi dan l-istat ta' fatt jmur kontra l-assigurazzjoni li kienet inghatat mill-ufficjali tal-Kurja u minn rappresentanti ta' l-iskola Santa Monica illi t-trasferiment tal-attrici minn skola tal-knisja ghal ohra tal-knisja ma kellux jaffettwala l-kontinwita fis-servizz u qed jikkrejalha danni konsistenti f'nuqqas ta' salarju taghha kif ukoll f'nuqqas ta' seniority tal-grad taghha;

Premess illi ghalkemm interpellati biex jirrevedu l-posizzjoni taghhom fil-konfront tal-attrici, l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-attrici ghandha tigi kkunsidrata bhala ghalliema ta' skala tminja (8) fl-iskala ta' ghalliema fl-iskejjel tal-knisja u dan b'effett mill-ftehim milhuq bejn l-awtoritajiet tal-knisja u l-MUT fit-23 ta' Mejju, 1995;

2. Tillikwida l-ammont ta' arretrati li ghandhom jithallsu lill-attrici una volta jigi ddikjarat li din kellha tigi kkunsidrata bhala ghalliema' ta skala tmienja (8);

3. Tikkundanna l-konvenuti jew min minnhom jhallsu lill-attrici din is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-imghax legali kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenuti kollha a fol. 10 tal-process fejn eccepew:

Illi d-domandi attrici huma nfondati u ghandhom jigu respinti billi t-trasferiment ta' l-attrici minn skola ghal ohra sar WARA l-ftehim raggunt bejn is-Segretarjat ghall-

edukazzjoni u Kultura u l-Malta Union of Teachers li sar f'Marzu 1990 backdated ghall-ewwel ta' Jannar 1990: dan il-ftehim iddefinixxa b'mod car il-kwistjoni tat-trasferiment tat-teachers minn skola ghal ohra, ankorke' jkunu t-tnejn tal-Knisja, u ma jistax isir xebh ma dak li seta' gara qabel l-istess ftehim.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**PROVI**

L-attrici xehdet li meta dahlet tghallem St. Monica minn De La Salle, Sister M. Vassallo l-head ta' l-iskola kienet assigurata li ma kienitx ser titlef il-*continuity*. Hi kienet ukoll kellmet lil Fr. Scerri u dan kien qallha li kollox kien ser jibqa' ghaddej normali kif kienet qabel. Kellmet lil Mr. Degiovanni mill-M.U.T u kien qallha li mhux ser titlef il-*continuity.* Ghalhekk hi accettat il-job ghax ma kellha ebda dubbju dwar il-posizzjoni taghha. Bdiet tiehu s-salarju bhal ma kienet tiehu De La Salle izda fil-1995 meta sar il-*Collective Agreement* qalulha li kienu hadu zball dwar il-kontinwita', cjoe dwar is-salarju li kienu tawha wara il-1993 fis-sens li kienu tawha paga aktar milli suppost u ghalhekk waqfulha l-increments sakemm igibuha bil-paga li suppost tiehu. Huma riedu jikkunsidrawha bhala teacher gdida minghajr konsiderazzjoni ta' dak li hadmet De La Salle. L-attrici xehdet ukoll li hi qatt ma attendiet *meetings* li semma Fr. Scerri u qatt ma rceviet ittri fuq xi *meetings*.

**Fr. Domnic Scerri,** Delegat ta' l-Arcisqof fl-iskejjel tal-Knisja, xehed li l-Knisja ghandha *agreements* mal-Unions. Kien hemm ir-"Re-organization Agreement" fil-1987, imbaghad iehor fil-1990 u iehor fil-1995 b'mod li gabu s-salarji tat-teachers ta' l-iskejjel ta' Knisja u dawk tal-Gvern kwazi at par. Tal-1995 kien l-ahhar *agreement* li sar mal MUT li gie rikonoxxut mill-Gvern.

Dwar *continuity of service* qal li dina tapplika fejn teacher ticcaqlaq minn skola ghall ohra ta' l-istess kongregazzjoni. Jekk teacher ticcaqlaq minn skola ghal ohra tal-Knisja jew minn skola tal-Gvern ghal tal-Knisja ma hemmx *contintuity*. Il-Union kienet qed tinsisti fuq dan il-principju minhabba *poaching* ta’ teachers u ragunijiet ohra. Fl-*agreement* tal- 1990 ma hemmx paragrafu fejn jeskludi jew jinkludi espressament dan il-principju pero’ huma kienu cari mat-teachers u kienu laqquhom ghand l-MUT u l-Kuria fuq hekk. Imbaghad fil-1995 giet espressament inkluza. Din ma kienitx *change of policy* izda semplicement ikkjarifikaw l-*policy*. L-*agreement* kien identiku bhal ma ghandha l-MUT mal-Gvern u mibni ezatt bhalu biex huma jkunu bhal tal-Gvern. Il-Gvern ghandu l-istess *policy*. Wara l-1990 sejjhu lil kullhadd u spjegawlhom li jekk teacher jirrezenja minn skola u jmur f'ohra, huma ser jimxu fuq il-*policies* tal-Gvern ghaliex kienu qed jircievu sussidju tal-Gvern.

Hu ma kienx qal diskors fis-sens li qed tghid l-attrici. Hu kien involut f'dina l-kwistjoni mill-bidunett u kieku qallha diskors bhal dak kien ikun qed jingannaha u jidhaq biha u jghaddieha biz-zmien. Hu qatt ma setgha jghid dak il-kliem. Cahad li qal diskors fis-sens li kollox jibqa’ ghaddej kif inhu.

**Alfred Buhagiar** xehed li l-principju ta' *continuity* ma japplikax fl-iskejjel tal-Knisja ghax ghalkemm huma taht l-istess gurisdizzjoni tal-Arcisqof kull skola hija entita' ghaliha. Jekk wiehed imur fi skola ohra dejjem qisuh bhala impieg gdid. Tant hu hekk li biex tmur minn skola ghal ohra trid tirrizenja mill-iskola li tkun fiha ghax din mhiex kwistjoni ta' transfer. Dan gie spjegat waqt *meetings* li saru meta sar l-*agreement*. Fl-*agreement* tal-1995 dan hu specifikat. Fil-1989 ma kienux dahlu f'dina l-kwistjoni. Izda dan l-arrangament kien diga jezisti. Fl-*agreement* tal-1987 ma hemmx imsemmija l-kwistjoni tal-*continuity* pero' l-*understanding* bejn il-Knisja u l-MUT dejjem kien kif semma. Anke biex jevitaw *poaching*. Imbaghad billi nqalu xi kwistjonijiet iddecidew li jdahhlu dan il-principju fl-*agreement* ghax ma kienx imnizzel. F'diversi laqghat li

kellhom mat-teachers dejjem qalulhom li ma hemmx *continuity*. Huma jaghmlu laqghat kull xahar.

**Joe Degiovanni,** Segretarju Generali tal MUT, Ikkonferma dak li qal Alfred Buhagiar li ma kienx hemm *continuity*. L-union ma kienitx qablet meta erba' teachers kienu inghataw *continuity* minn Mons. Depasquale fuq bazi morali. Il-*policy* fuq *continuity* ilu jafha minn kemm ilu hemm cjoe minn Dicembru 1990. Meta teachers kienu jistaqsuh fuq hekk hu dejjem kien jghidilhom li m'hemmx *continuity* (fol 35). L-attrici kienet membru tal MUT. Fl-*agreement* tal-1990 il-principju tal-*continuity* mhux imnizzel *in black and white* bil-kitba izda l-*policy* dejjem hekk jafha minn Dicembru 1990. Fl-*agreement* tal-1995 nizzlu l-principju *in black and white* biex jissalvagwardjaw dawk li jigu redundant. Il-principju ma japplikax fl-iskejjel tal-Knisja ghax mhux l-Arcisqof li jimpjega t-teachers u jippustjuhom fl-iskejjel izda l-iskola individwalment timpjegahom.

**Sister Margaret Vassallo,** Head ta' St. Monica xehdet li huma kienu qed jaghtu lill-attrici salarju li mhux suppost. Huma ma kienux qed japplikaw il-principju ta' *continuity* (fol. 86). Meta induna bl-izball bdew inaqqsulha l-arretrati.

**Sister Alosia Mifsud,** bursar f'St Monica, xehdet li dwar salarju tal-attrici huma kienu jhallsuha skond ma jghidulhom il-Kurja. Hi kienet qed taghtiha salarju bhala *continuation* ta' fejn l-attrici kienet tghallem sal-1995. Meta gie iffirmat l-*agreement* fil-1995 il-Kurja gibditilhom l-attenzjoni li l-attrici kienet qed tiehu salarju aktar milli suppost u huma waqqfulha l-*increments*. Wara l-1995 ma mxewx skond il-principju tal-*continuity*. Mal-Kurja huma kienu jikkomunikaw ma Mrs. Fenech jew ma Fr. Scerri fil-1993. Hi ma applikatx il-principju tal-continuity minn jedda. Meta kienet tigi teacher gdida huma kienu jitolbu l-Kuria ghall-struzzjonijiet u dawn kienu jghdulhom kif kellhom ihallsu. Tahseb li l-komunikazzjoni mal-Kurja saret bit-telephone. Hi ma tafx x'inhi *continuity*. Kieku semmuhilha kienet tistaqsi x'inhi.

**KONTESTAZZJONI**

Il-kwistjoni kollha hija jekk meta l-attrici marret tghallem fl-iskola St. Monica minn De La Salle kienx japplika l-principju tal-*continuity of service*. Jekk japplika allura wiehed ghandu jikkunsidra wkoll is-servizz li ghamlet l-attrici De La Salle u tkun intitolata ghall-*increments* u ghall-arretrati.

Skond l-attrici fil-Collective Agreement tal-1990 imkien ma jissemma l-principju tal-*continuity*. Dak iz-zmien (1990) ma kienx hemm *clear cut policy* (ara ittra fol. 74). Dan il-principju jissemma esplicitament biss fil-ftehim tal-1995. Ghalhekk dan il-principju ma jistax jigi applikat lill-attrici retroattivament ghal 1993. Il-konvenuti (Sisters) kienu applikaw il-principju tal-*continuity* ghal sentejn shah fuq struzzjonijiet tal-Kurja li kienu jaghtu struzzjonijiet lill-iskejjel x'salarju ghandhom ihallsu.

Skond il-konvenuti l-principju tal-continuity of service tnehha b'effett tal-Collective Agreement tal-1990 u ghalhekk meta l-attrici marret tghallem St. Monica fil-1993 dan il-principju ma kienx japplika.

Inoltre dina l-kwistjoni messha tqajmet quddiem Tribunal Industrijali u mhux quddiem Qorti Civili.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Gurisdizzjoni**

Dwar il-kwistjoni jekk dina l-Qorti ghandhiex gurisdizzjoni li tisma l-kawza li ghamlet l-attrici, l-Qorti tirrileva li eccezzjoni formali f'dan is-sens ma gietx prezentata u ssemmiet biss fit-trattazzjoni orali f'eghluq tal-kawza meta l-kawza kienet instemghet u l-partijiet ressqu l-provi kollha taghhom, u kienu qed jittrattaw.

Inotre jigi rilevat li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghandha gurisdizzjoni li taqta' dawk il-kawzi kollha ta' natura civili, sakemm ma jkunx hemm ipprovdut mod iehor b'ligi.

Id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali Kap 266 ghamlu ta’ gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali certi kazi ta’ tkeccija ngusta biss; u f’dak l-Att ma hemm ebda disposizzjoni ohra li biha l-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali giet estiza ghal kazijiet ohra ta’ tilwim ta’ xoghol li jissemmew fl-istess Att bl-eskluzzjoni mill-gurisdizzjoni tal-Qorti ordinarja (PA 19/4/1990 N. Rossignaud noe vs G. Borg noe Vol 74 p3 p 502). Fil-kawza A. Fenech noe vs J. N. Tabone noe deciza mill-Appell fit-13 ta’ Marzu, 1995 il-Qorti kienet dahlet fil-kwistjoni ta’ l-interpretazzjoni ta’ C*ollective Agreement*.

Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija dina l-Qorti ghandha gurisdizzjoni tisma u taqta’ dina l-kawza.

**Fil-mertu**

Kemm ir-rapprezentant tal-Knisja kif ukoll tal-Union tat-Teachers jaqblu li l-*continuity of service* tapplika fejn teacher ticcaqlaq minn skola ghal ohra ta' l-istess kongregazzjoni. Jekk teacher ticcaqlaq minn skola ghal ohra tal-Knisja jew minn skola tal-Gvern ghal tal-Knisja dan il-principju ma japplikax.

Alfred Buhagiar, President tal-MUT, xehed li l-principju ta' *continuity* ma japplikax fl-iskejjel tal-Knisja ghax ghalkemm l-iskejjel huma taht l-istess gurisdizzoni tal-Arcisqof kull skola hija entita' ghaliha. l-Arcisqof ma jimpjegax it-teachers u jippustjuhom fl-iskejjel izda hi l-iskola individwalment li timpjegahom. Ghalhekk jekk wiehed imur minn skola ghall ohra, dejjem iqisuh bhala jimpieg gdid. Tant hu hekk li biex tmur minn skola ghal ohra trid tirrizenja mill-iskola li tkun fiha ghax din mhiex kwistjoni ta' transfer.

Fl-agreement tal-1990 ma kienx hemm paragrafu specifiku fejn jeskludi jew jinkludi espressament dan il-principju pero’ kemm il-Knisja kif ukoll l-MUT kienu cari li dan il-principju japplika u ma setghax ikun mod iehor billi huma kellhom ikunu bhal l-iskejjel tal-Gvern li minghandu huma kienu qed jircievu s-sussidju. Lit-teachers huma kienu laqqughhom ghand l-MUT u l-Kurja u spjegawlhom

il-*policy*. Kienu jsiru laqghat kull xahar. Fr. Domnic Scerri pprezenta n-noti tieghu li kellu dwar dawn il-*meetings* u jinsabu ezibiti a fol. 45 - 47.

Imbaghad fil-1995 dina l-policy giet espressament inkluza fil-Collective Agreement. Din ma kienitx xi *change of policy* izda semplicement riedu jikkjarifikaw *policy* li kienet tezisti. Ghalkemm fil-1990 ma kienux dahlu dina l-*policy* fl-*agreement* izda l-*policy* kienet diga jezisti. Imbaghad billi nqalu xi kwistjonijiet iddecidew li jdahhlu dan il-principju fl-agreement bil-miktub.

Joe Degiovanni Segreatarju tal-MUT xehed li l-policy fuq *continuity* ilu jafha minn kemm ilu hemm cjoe minn Dicembru 1990. Meta teachers kienu jistaqsuh fuq hekk hu dejjem kien jghidilhom li m’hemmx continuity (fol 35). Fl-agreement tal-1990 il-principju tal-*continuity* mhux imnizzel *in black and white* bil-kitba izda l-*policy* dejjem hekk jafha minn Dicembru 1990. Fl-*agreement* tal-1995 nizzlu l-principju *in black and white* biex jissalvagwardjaw dawk li jigu *redundant*.

Jirrizulta ghalhekk li qabel il-1990 ghalkemm kien hemm dina l-*policy* dina ma kinitx *clear cut*, u nqalghu xi kazijiet. Imbaghad wara l-1990 dina l-*policy* giet spjegat lit-teachers u kien hemm qbil fuqha izda ma kienitx imnizzla bil-miktub fl-*agreement*, imbaghad fil-1995 nizzluha *in black and white* fil-Collective Agreement ukoll biex ikopru l-kazijiet ta’ *redundancies* fl-iskejjel tal-Knisja.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li diga minn 1990 kien hemm dina l-*policy* dwar *continuity* li ghalkemm ma kienitx imnizzla fil-Collective Agreement tal-1990 kienet *policy* segwita’ mill-Knisja u mill-MUT u li t-teachers kienu gew infurmati dwarha ripetutament.

L-attrici xehdet li meta dahlet tghallem St. Monica minn De La Salle, Sister M. Vassallo kienet assigurata li ma kienitx ser titlef il-*continuity*. Il-konvenuti Sisters ta’ St. Monica ma qalux li huma kienu assiguraw lill-attrici fuq hekk, izda xehdu biss li huma kienu jircievu struzzjonijiet

mill-Kurja kif kellhom ihallsu u applikaw il-principju ta' *continuity* bi zball.

L-attrici xehdet ukoll li hi kienet kellmet lil Fr. Scerri u dan kien qallha li kollox kien ser jibqa' ghaddej normali kif kienet qabel. Fr. D. Scerri cahad li qal diskors simili. Hu kien involut f'dina l-kwistjoni mill-bidunett u kieku qallha diskors bhal dak kien ikun qed jingannaha u jidhaq biha u jghaddieha biz-zmien. Hu kien kellem lill-attrici wara li kienet inqalghet il-kwistjoni u mhux meta kienet ser tbiddel minn skola ghall ohra.

L-attrici qalet ukoll li kienet kellmet lil Mr. Degiovanni mill M.U.T u kien qallha li mhux ser titlef il-*continuity*. Joe Degiovanni ma semma xejn minn dana anzi qal li meta teachers kienu jistaqsuh fuq hekk hu dejjem kien jghidilhom li m'hemmx *continuity* ghax il-*policy* hekk jafha minn 1990.

Jirrizulta mill-provi li meta l-attrici giet biex tibdel l-iskola minn De La Salle ghal St. Monica jidher li hija kellha dubbji dwar il-posizzjoni taghha, tant li skond hi kkuntattjat diversi persuni izda ma jidhirx li hadet il-parir tal-Union taghha. Ghalkemm il-konvenuti Sisters ta' St. Monica xehdu li huma kienu jircievu struzzjonijiet mill-Kurja, ma hemm xejn bil-miktub fuq l-istruzzjonijiet li allegatament kellhom. Inoltre Fr. Scerri cahad li qatt setgha jaghti tali pariri u l-unika persuna li setghet forsi ghamlet hekk, is-segretarja, Mrs. Fenech, ma gietx prodotta bhala xhud.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tichad it-talbiet attrici
bl-ispejjes kontra taghha

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------